MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 326/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**
**vs**
**Martin Cachia**
**Gilmore Cachia**
**Diego Grixti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Martin Cachia, ta' 44 sena, iben Michael u Josephine nee Aquilina, imwieled Pieta fid-29 ta' Marzu, 1959, residenti fl-indirizz "Martina" 238 Triq Imhallef W Harding Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita numru 235859(M) u l-imputat Gilmore Cachia, ta' 17 sena, iben Martin u Teresa nee' Carabott, imwieled il-Pieta fit-3 ta' Novembru 1985, residenti fl-indirizz "Martina" Triq l-Imhallef W Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita numru 38386(M) u l-imputat Diego Grixti 17 sena, iben Henry u Frances nee' Pirotta, imwieled il-Pieta fl-20 ta' Novembru 1985, residenti fl-indirizz, 102A, Old Bakery

Street, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita numru 590685(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fit-30 ta' Marzu 2003, fuq il-monti Floriana, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija, jew xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh, jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' numru ta' CDs foloz.

Talli fl-istess cirkustanzi bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta;

Talli fl-istess cirkustanzi, ghall-qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifatturaw, stampaw jew xort'ohra ghamlu, jew dahlu f'Malta, jew akkwistaw, zammew, iccirkolaw xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina, jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku, jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq, kemm jekk le;

Talli fl-istess cirkustanzi, innegozjaw f'xi oggett imsemmi fl-akkuza precidenti, kemm jekk dak in-negozju sar bil-mohbi, jew qassmu xi oggetti bhal dak, jew urew xi oggetti bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku;

Lil Martin Cachia u Gilmore Cachia :

Kif ukoll saru recidivi ghat-terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew ikkundannati b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati;

Lil Martin Cachia :

Talli fl-istess cirkustanzi, bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca, jew ikkopja, jew biegh, jew qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenza, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta. B'hekk jitqies li opera minghajr licenzja;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija thassar il-licenza, jew inkella tissospendiha ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil Martin Cachia, Gilmore Cachia u Diego Grixti ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' April, 2003 (esebit *a folio* 30 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlilhom waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju, 2003 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku minnha nominat (a folio 136 et sequitur tal-process)

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi f'dan il-kaz irrizulta li fit-30 ta' Marzu 2003 ghall-habta tad-9.30am saret spezzjoni jew *raid* mill-Pulizija ghal oggetti kontrafatti (*counterfeit*) fuq il-Monti f'Bieb il-Belt, Valletta, u cioe' il-Monti ta' nhar ta' Hadd. Din l-ispezzjoni saret mill-Ispettur Joseph Cordina li kien akkompanjat minn PS 130 Ivan Cilia, PC 730 Raymond Vella u WPC 249 Maruska Debattista. Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u dak iz-zmien Prosekutur l-Ispettur Joseph Cordina li xehed waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2003 (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 26 sa 29 tal-atti processwali) rrizulta li malli l-Pulizija avvicinaw stand li jghidu li kienet licenzjata fuq l-imputat Martin Cachia qamet kommozzjoni fejn fi kliem l-istess Spettur Joseph Cordina "*nies bdew jigru l'hemm u l'hawn u rajna li min kien hemm kien qed igorr kaxxi li wara rrizulta li kienu kaxxi bis-Cd's. Waqqafna lil Martin Cachia, waqqafna lil Gilmore Cachia u waqqafna lil Diego Agius li lkoll qed naghrafhom fl-Awla. Dawn it-tlieta kienu qed ibieghu mill-posta ta' Martin Cachia".* Mill-istess xhieda tal-Ispettur Joseph Cordina jirrizulta li lil persuna, li huwa jirreferi ghalih bhala Diego Agius grew warajh il-Pulizija u qabduh jipprova jitfa' kaxxa f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 367 tal-marka Peugeot li kienet parkeggjata ftit metri 'l boghod mill-istand ta' Martin Cachia. Instabu xi Cd's fl-imsemmija vettura kif ukoll xi Cd's fuq l-istand ta' Martin Cachia u Cd's ohra mohbijin taht xi canvas fl-istess stand. Mill-provi rrizulta li gew elevati 1640 music compact discs, 1027 Dvd's, 1298 Dvd games, 10 Cd' games, 12 il-Dvd b'kontenut allegatament pornografiku u seba video tapes lkoll suspettati li kienu foloz (*counterfeit*). Mill-provi rriuzulta wkoll li ic-Cd's u Dvd's elevati gew mehuda d-Depot u maghduda fil-presenza tal-imputat Martin Cachia fejn giet rilaxxjata l-ircevuta inserita a fol 30A liema ricevuta ma gietx iffirmata mill-istess imputat.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-imputati irrilaxxjaw xi stqarrijiet u fl-udjenza tas- 6 ta’ Mejju 2011 huma ghazlu li ma jixhdux.

Permezz ta’ digriet tat-23 ta’ Mejju 2008 il-Qorti hatret bhala espert lil Martin Bajada bl-inkarigu li jezamina id-dokumenti mmarkati bhala Dok. JC4, Dok. JC5, Dok, JC6, Dok. JC7, Dok. JC8 u Dok. JC9 liema dokumenti gew esebiti formalment u jinsabu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jirrelata dwar il-genwinita’ u l-awtenticita’ taghhom. Fir-rapport tieghu li jinsab esebit a folio 136 sa 147 tal-atti processwali l-espert tekniku kkonkluda s-segwenti:-

*‘11. Illi, l-informazzjoni [elenku u analisi] estratta minn fuq [98] l-optical diskette u l-inlays tinsab riprodotta f’dan ir-rapport bhala DOK ANALISI.*
*12. Illi anness ma dan ir-rapport jinsab il-kampjun ta’ [98 optical diskette u inlays] parti mill-kontenut ta’ DOK JC9, u DOK JC4, JC5, JC6, JC7 u JC8.*
*13. Illi, l-esponent jiddikjara li ttraskriva fis-sewwa, fedelment u bl-ahjar hila u taghrif, l-informazzjoni estratta minn fuq il-optical diskttes u l-inlays.*
*14. Illi, [98] optical diskettes u inlays parti minn DOK JC9 u DOK JC4, JC5, JC6, JC7 U JC8 analizzat f’dan ir-rapport huma kollha non-complaint fejn non-complaint tfisser li l-prodott mhux konformi fil-kwalita’, fl-apparenza, fil-kontenut u fl-ippakkjar mal-prodott licenzjat mill-awturi rispettivi.*
*15. Illi, il-process li bih l-informazzjoni, l-film u/jew il-loghob skond il-kaz, giet traferita ghal fuq l-optical diskette, kien permezz ta’ DVD Writer/Burner, kif ukoll pressed. L-inlays huma fotokopja bil-kulur u off-trim u/jew prints u ta’ kwalita’ inferjuri ghal-prodott originali. Il-prodott jinsab ippakkjat f’borza tal-plastic b’sealing strip, meta il-prodott originali jigi ppakjat gewwa SNAP case.*
*16. Illi, ghaldaqstant jirrizulta l-optical diskettes in ezami ma huwiex prodott genwini.’*

Minn ezami tar-rapport tal-espert tekniku jirrizulta inoltre li ‘*Inkwantu ghal kontenut ta’ DOK JC4, JC5, JC6, JC7 u JC8 mill-analisi jirrizulta li l-optical diskettes bejn DVD,*

*DVD-R u CD kif ukoll l-inlays kemm il-photocopies u dawk printed huma kollha Non-Complaint ma prodott originali hlief ghal-optical diskette konsistenti mill-innijiet tal-Partit Nazzjonalista (DOK JC7) u l-optical diskettes konsistenti minn kontenut adult (pornograsfija) DOK JC8)'*. Jirrizulta inoltre li l-istess espert naqas milli jezamina Dok. JC9 u cioe' ic-Cd's u Dvd's li gew esebiti formalment u li jinsabu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Irid jigi rilevat li skond ix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u dak iz-zmien Prosekutur l-Ispettur Joseph Cordina Dok. JC4 sa Dok. JC8 huma biss kampjuni tac-Cd's elevati mill-Pulizija u dan sar minhabba l-kwantita' ta' materjal konfiskat.

Ikkunsidrat:

Illi t-tlett imputati flimkien jinsabu akkuzati bi tlett imputazzjonijiet, u cioe' dik ta' frodi fil-kummerc u ndustrija taht dak li jiddisponi l-Artikolu 298 (1) (f) kif ukoll bi ksur tad-drittijiet tal-awtur taht dak li jiddisponi l-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll bit-tqassim ta' materjal pornografiku u cioe' taht dak li jiddisponu l-Artikoli 208(1) u (2) tal-Kodici Kriminali. In kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, u cioe' dik ta frodi fil-kummerc il-Qorti jidrilha li l-fattispeci tal-kaz odjern ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri ta' dan ir-reat. L-Artikolu 298 (1) (f) fil-fatt jitkellem dwar min *"xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq".* Fil-kaz odjern kull ma rrizulta mir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti kien li gran parti mill-kontenut tad-*diskettes* li gew elevati mill-Pulizija ma kienx compliant mal-original u li ghalhekk dawn ic-Cd's u Dvd's kienu kkupjati. Bl-ebda mod izda ma rrizulta li mal-oggetti elevati kien hemm imwahhhal xi marka, emblema jew sinjal intizi sabiex iqarqu. Fil-kaz odjern l-allegat ksur jista' jitqies li huwa ksur tad-drittijiet tal-awtur (copyright infringement) u mhux ksur ta' trademark jew industrial design. Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 298 (1) (f) jirreferi ghal dawn l-ahhar *intellectual property rights*, u cioe' *trademarks u industrial designs* u mhux ghal copyright u fil-kaz odjern kif gustament issottometta l-avukat difensur tal-imputat bl-ebda mod ma rrizulta mill-provi li kien hemm

xi forma ta' marka, sinjal jew emblema imwahhlin b'qerq fuq l-oggetti elevati. Irid jigi puntwalizzat li in kwantu jirrigwarda Dok. JC7 li huwa Cd li ghandu inlay bl-emblema tal-Partit Nazzjonalista u bil-bandiera Maltija xehed Peter Darmanin li dak iz-zmien jirrizulta li kien it-Tezorier tal-Partit Nazzjonalista waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2003 fejn qal li dan ic-Cd m'huwiex propjeta' tal-istess Partit u l-anqas inhareg minnu. Huwa inoltre qal li l-emblema li tidher fuq dan id-dokument hija propjeta' tal-Partit Nazzjonalista. Irid jigi rilevat izda li mir-rapport tal-espert tekniku Martin Bajada jirrizulta li meta huwa ezamina Dok. JC7 ma rrizultalux li dan ma kienx non-compliant ma prodott originali. Il-Qorti tirrileva inoltre li ma ngabitx il-prova dwar minn fejn jew minn ghand min gie elevat Dok. JC7 u jidrilha li l-investigazzjonijiet f'dan il-kaz gew kondotti b'mod ghal kollox aprossimattiv fejn la sar elenku dettaljat tal-oggetti konfiskati u fejn l-anqas tqabbad espert tal-fotografija sabiex jiffotografa l-oggetti konfiskati. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-ewwel imputazzjoni bl-ebda mod ma tista' titqies pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghal dawn il-motivi l-imputati ma jistghux jigu misjuba hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputati qed jigu wkoll akkuzati bi ksur tad-drittijiet tal-awtur taht dak li jiddisponi l-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fattispeci ta' dan il-kaz certament jinkwadraw ruhhom f'dak li jiddisponi dan l-Artikolu ghaliex kif diga' inghad aktar 'il fuq l-espert nominat minn din il-Qorti wara li ezamina ic-Cd's u Dvd's li gew elevati fir-raid tat-30 ta' Marzu 2003 u li jinsabu esebiti fil-proceduri odjerni kkonkluda li dawn ma kienux *compliant* mal-originali u ghalhekk kienu kkupjati. Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 298B jirrikkjedi l-kwerela tal-parti offiza fis-sens illi ebda proceduri ma jistghu jinbdew minghajr il-kwerela tal-parti. Fil-kaz odjern il-kwerela relattiva in kwantu jirrigwarda l-allegat ksur ta copyright apartenenti lil propjetarji barranin tinsab esebita a folio 31 sa 33 tal-process u hija ffirmata mill-Avukat Patrick Galea li qed jagixxi bhala prokuratur specjali ta' varji kumpaniji esteri produtturi tal-*films* u kumpaniji diskografici. F'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li kellha ssir il-prova mhux biss li saret

kwerela izda li effettivament min ghamel dik il-kwerela huwa il-parti offiza u cioe' li huwa is-sid tad-drittijiet tal-awtur li allegatament sar il-ksur taghhom. Fil-kaz in dizamina ghalkemm giet esebita l-imsemmija kwerela u ghalkemm din il-kwerela giet debitament ikkonfermata bil-gurament mill-Avukat Patrick Galea (ara xhieda relattiva a folio 39 u 40 u a fol. 90 u 91 tal-process) fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur specjali tas-socjetajiet esteri msemmija fil-kwerela, izda bl-ebda ma gie pruvat li s-socjetajiet esteri li huwa qed jirrapprezenta jew jagixxi ghan-nom taghhom effettivament huma l-propjetarji tad-drittijiet tal-awtur tal-*films* u muzika li gew ikkupjati fuq ic-Cd's u Dvd's elevati mill-Pulizija fir-raid in kwistjoni. Jekk wiehed jezamina d-dokumenti esebiti minn Dr. Patrick Galea (a folio 92 tal-process) jinnota li dawn huma kopji tal-prokuri specjali u generali rilaxxjati lill-imsemmi Dr. Galea sabiex jagixxi ghan-nom tas-socjetajiet esteri ndikati fil-kwerela fi kwistjonijiet rigwardanti ksur tal-jeddijiet taghhom naxxenti minn *trademarks* u *copyright* izda bl-ebda mod ma hemm prova li dawn is-socjetajiet huma l-propjetarji tad-drittijiet tal-awtur tal-films u diski li hemm elenkati fir-rapport tal-espert tekniku nominat mill-Qorti, u cioe' tal-films u diski originali li taghhom saru l-kopji fid-diskettes elevati fir-raid tat-30 ta' Marzu 2003. Ghalkemm ma zewg prokuri esebiti minn Dr. Galea hemm elenku ta xi films, ebda wiehed mill-films jew diski li hemm indikati fir-rapport tal-espert tekniku ma jinsab fuq dawn l-elenki annessi mal-kopji tal-prokuri.

F'dan rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tal-*24 ta' April 2002* fil-kawza fl-ismijiet *Pulizija vs Eugenio Frantz* fejn il-Qorti qalet is-segwenti:-

*'F'dan il-kaz kien hemm mod semplici hafna kif setghet issir tali prova, u cioe' billi l-avukat Galea bhala prokuratur specjali tal-kumpaniji esteri tal-films, jiddikjara bil-gurament, b'referenza ghal kull wiehed mill-films maqbuda, minn kien jew kienu il-'copyright owner/s'. Tali prova kienet tkun prima facie ta' min ghandu d-drittijiet ta' l-awtur fir-rigward tal-film li jkun ; u kien imbghad jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probbabilita', li ma*

*kienx minnu li l-kumpanija li kien qed jirrapresenta l-prokuratur specjali kellha dak il-'copyright'.*

In kwantu jirrigwarda l-allegat ksur ta' copyright appartenenti lil Partit Nazzjonalista la giet esebita il-kwerela relattiva u l-anqas ingabet il-prova li fil-fatt il-kontenut ta' Dok. JC7 kien fil-fatt propjeta' tal-istess Partit Nazzjonalista.

Fil-kaz odjern ghalhekk ma jistghax jinghad li saret il-prova li l-kwerelanti kienu il-copyright owners u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tillibera lill-imputati mit-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u cioe dik rigwardanti l-ispaccjar ta' materjal pornografiku l-Qorti jidrilha li mir-rapport tal-espert minnha nominat jirrizulta biss li Dok. JC8 kellu kontenut adult izda ma giex indikat li tali kontenut huwa effettivament pornografiku. L-anqas in kwantu jirrigwarda din l-imputazzjoni ma jirrizulta pruvat lil hinn minn kul dubju dettat mir-raguni min mill-imputati fil-kawza odjerna kien qed jispaccja materjal ta' natura pornografika fid-data indikata fic-charge sheet.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Martin Cachia wahdu jinsab ukoll akkuzat li bhala persuna li jiggestixxi negozju kopert b'licenzja biegh jew b'xi mod spaccja materjal bi ksur tad-drittijiet tal-awtur sabiex b'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja mahruga lilu. Fil-kaz ta' din l-imputazzjoni ma ngabitx il-prova tal-licenzja indikata mill-Prosekuzzjoni u isegwi ghalhekk li l-anqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta pruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet izda tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2003 (Dok. JC4 sa 8) stante li rrizulta li dawn huma *pirated*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------